# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 51**

**Cit. Nru. 1100/92 FD**

**Brigitte mart l-istess Richard Vella, f'isimha proprju u bhala kuratrici "ad litem" ta' bintha minuri Diane Vella nominata minn din il-Qorti b'digriet tas-6 ta' Ottubru, 1992**

**vs**

**Richard Vella**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

1. Fis-16 ta' Lulju, 1996, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tat is-segwenti sentenza, li tikkoncerna azzjoni ta' separazzjoni personali, b'talbiet soliti intizi biex jistabilixxu gudizzjarjament ir-relazzjonijiet konsegwenzjali bejn il-konjugi Vella u ma binthom minuri:-

"Il-Qorti,

Rat l-atti tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici martu ta' adulterju, sevizzi, minacci, theddid u ngurji gravi u eccessi, ghalhekk iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi ghalhekk l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi b'din il-kawza ghas-separazzjoni "a mensa et thoro" kontra l-konvenut (Dok A);

Talbet, ghar-ragunijiet premessi li din il-Qorti:-

1. tippronunzja s-separazzjoni "a mensa et thoro" bejn il-kontendenti, minhabba tortijiet tal-konvenut u senjatament minhabba adulterju, sevizzi, minacci, theddid u ngurji gravi u eccessi, u, subordinatament, iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. il-kura u kustodja tat-tifla minuri Diane Vella tigi ghalhekk fdata f'idejn l-attrici ommha;

3. il-konvenut jigi minn din il-Qorti kkundannat li jissomministra lill-attrici, ghaliha u ghall-imsemmija bintha minuri Diane Vella, dik ir-retta alimentarja li tigi ffissata minn din il-Qorti, bil-modalitajiet ta' hlas li jigu wkoll hekk iffissati;

4. jigi dikjarat u deciz illi l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta, u

5. l-assi ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti likwidati, divizi u assenjati bejn il-partijiet skond ma tiddeciedi din il-Qorti, okkorrendo, bin-nomina ta' Nutar Pubbliku biex jircievi kull att ta' divizjoni opportun u bin-nomina ta' kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt;

6. il-konvenut jigi dikjarat li ddekada mid-drittijiet tieghu, jew dawk minnhom li tiddeciedi din il-Qorti ai termini ta' l-artikoli tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez – komprizi dawk ta' sitt ittri legali (Lm6), dawk tal-mandat ta' impediment tas-safer, ta' sekwestru u ta' qbid ta' llum stess, kif ukoll dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla – kollha kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha ndikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa illi kien jaqbel illi jkun hemm separazzjoni personali bejnu u bejn martu u dan ghar-raguni li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment izda certament mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-attrici u illi l-kura u l-kustodja tat-tifla m'ghandhiex tghaddi f'idejn l-attrici. Eccepixxa wkoll illi m'ghandux ghalfejn jaghti ebda manteniment lil martu pero' lest li jmantni, kif dejjem ghamel, lil bintu minuri, li m'ghandhiex tbati mid-diffikultajiet li nqalghu bejn il-genituri taghha, u jaqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti kellha tigi xolta pero' ma jaqbilx illi hu kellu jiddekadi minn xi dritt tieghu.

Ghamel ukoll rizerva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista (sic) minnu ndikati.

Rat id-digrieti taghha li bihom gew nominati l-Assistenti Gudizzjarji biex jisimghu x-xhieda tal-partijiet.

Semghet ripetutament lill-kontendenti u lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali taghha minn ma' zewgha minhabba nuqqasijiet attribwibbli lill-istess konvenut, liema nuqqasijiet jinkludu wkoll l-adulterju. Talbet li l-kura u l-kustodja tal-minuri Diane tigi fdata f''dejha u illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici manteniment ghaliha u ghall-minuri u li tigi xolta u diviza l-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi min-naha tieghu l-konvenut cahad l-allegazzjonijiet li ghamlet l-attrici u ssottometta li huwa kien lest li jmantni lill-istess binthom minuri u li ma ghandux ibati s-sanzjonjiet kontemplati fil-ligi. Illi harsa lejn dan il-process malajr tispjega t-tul illi ha biex ingabru l-provi kollha u certament ma jistax jinghad illi xi wahda mill-partijiet ittraskurat din il-kawza ghalkemm ilha sejra ghal bosta snin.

Ill l-Qorti ezaminat xhieda uhud minnha tassew voluminuza, illi ressqu l-partijiet u ma jistax ma jigix rilevat illi hemm hafna ripetizzjonijiet illi jwasslu biex ikomplu jikkomplikaw il-problema li tezisti bejn il-kontendenti.

Illi l-Qorti tifhem illi t-tlett punti kardinali li ghandhom jigu konsiderati qabel tasal ghad-decizjoni finali huma (1) jekk hux veru li l-konvenut ghandu relazzjoni llecita ma' certu persuna bl-isem ta' Martha Caine; (2) kif ghandha ssir id-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti; u (3) x'ghandu jsir mill-kura u l-kustodja tal-minuri Diane u l-access li jkollhom il-genituri kif ukoll il-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas.

Illi ghalkemm fil-process insibu addirittura mijiet ta' pagni li jirrepetu l-istess akkuzi, u mijiet ta' ritratti illi ttiehdu mill-kontendenti (x'uhud minnhom anke ripetuti) dwar il-karozza fejn qeghda pparkjata, it-toroq, il-parties, u dak kollu illi setghu jigbru l-kontendenti, il-qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi l-konvenut ilu zmien jiffrekwenta lil din it-terza persuna u din ir-relazzjoni m'hijiex tant semplici u forsi indifferenti kif ipprova jispjega l-konvenut u anke niesu u x-xhieda minnu prodotti; hija relazzjoni li certament tmur kontra l-obbligu tal-fedelta' li huwa marbut ma' martu l-attrici; oltre x-xhieda kollha li giet prodotta anke b'affidavit, il-Qorti kellha aktar minn okkazzjoni wahda biex tisma lill-kontendenti u ma tarax li ghandha jkollha ezitazzjoni filli tikkonkludi li l-konvenut ghandu u kellu relazzjoni llecita ma' l-istess Martha Caine.

Illi jigi wkoll osservat ghal kull buon fini illi l-konvenut, anke wara li nduna li martu ma kienetx qed tapprova tali relazzjoni, u sahansitra kienet anke ssegwih biex tara l-passi tieghu, huwa xorta njora kompletament is-sentimenti taghha u kompla bl-istess relazzjoni li kellu ma' Martha Caine; dan in-nuqqas, anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument ma kien hemm xejn hazin fir-relazzjoni tieghu ma' terza persuna, huwa pacifiku illi fih innifsu jikkostitwixxi ingurja gravi fil-konfronti ta' martu, anke jekk din ma kienetx gustifikata fis-suspetti taghha.

Illi dan qed jinghad ghalkemm il-Qorti ma tarax li hemm dubbju illi tali relazzjoni bejn il-konvenut u Martha Caine ma kienetx, kif diga' inghad, xejn innocenti anzi kienet wahda illegittima ghal kollox; ma jistax jigi konkluz li kien hemm l-adulterju kommess mill-konvenut, anki minhabba r-rigorozita' tal-provi li huma rikjesti biex tintlaqa' akkuza simili.

Illi l-Qorti tosserva illi l-kawza odjerna hija wahda mill-ftit illi fiha inghad tant gideb sfaccat, kemm mill-kontendenti kif ukoll mix-xhieda minnhom prodotti li, hlief ghal-linji generali, ma jista' jkun hemm dik ic-certezza li normalment tirrizulta mill-provi; kienet din id-diffikulta' ovvja, li gieghlet lill-qorti tezamina bir-reqqa l-bosta u bosta rikorsi li gew intavolati, mhux l-aktar dwar il-meritu ta' rikorsi fihom infushom, imma biex tipprova tasal ghall-forma tal-verita'.

Illi minn dan il-patafjun ta' gideb, il-Qorti pero' fehmet ukoll illi l-attrici kellha nuqqasijet ta' certa' gravita' ili kienu gejjin mill-karattru difficli taghha, mghejjuna f'dawn in-nuqqasijiet mill-familjari taghha li min ghalihom kienu qed ikunu ta' servizz u ghajnuna ghaliha; irid jigi osservat li l-konvenut ma tax il-kontribut tieghu biex jigu superati dawn id-difetti karatterjali; dan deher ukoll bil-mod kif xehed quddiem il-Qorti u l-evazjoni kontinwa ta' kull domanda pertinenti; kull tant inqabad f'cirkostanzi meta kellu jvarja l-verzjonijiet li jkun ghadu kif ta; dan jinghad l-aktar ghal mod kif ipprova jevita d-domandi tieghu dwar ir-relazzjoni ma' l-imsemmija terza persuna, illi kienu hafna drabi kontradittorji u f'kull kaz dejjem inverosimili.

Illi jekk wiehed ihares ftit lejn ix-xhieda li nghatat dwar l-akkwist u l-bejgh ta' karozza li kienet biss tiswa elf u mitejn lira (LM1200), malajr jintebah bl-estremita' tal-konflitti fil-verzjonijiet moghtija mhux biss mill-kontendenti, imma anki mill-istess genituri u familjari taghhom; dan jispjega l-problema illi kellha quddiemha din il-Qorti meta, wara hafna konsiderazzjoni, waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha dwar dawn il-punti.

Illi l-Qorti tifhem li dan iz-zwieg tkisser definittivament principalment minhabba nuqqasijiet tal-konvenut u l-aktar minhabba r-relazzjoni illecita li zviluppa ma' Martha Caine, waqt li irid jigi wkoll deciz li l-attrici kienet ukoll hatja ta' nuqqasijiet gravi naxxenti fil-karattru difficli taghha; dawn in-nuqqasijiet ma ghenux biex jigu superati l-problemi kreati mill-agir tal-konvenut.

Illi l-partijiet jaghtu wkoll certa mportanza anke mil-lat finanzjarju tar-relazzjoni ta' bejniethom; pero' l-Qorti tifhem illi dan m'huwiex tant rilevanti u tosserva illi anke f'mumenti li ma kienux wisq felici kien irnexxielhom iwarrbu ammont ta' flus, ghalkemm ma qablux dwar dak li riedu jaghmlu bil-flus imgemmghin.

Illi l-bicca l-kbira mill-inkartament quddiem din il-Qorti, huwa kompost minn rikorsi u risposti li ntavolaw il-kontendenti dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri.

Il-Qorti dwar dan il-punt ma tistax ma tesprimix id-deplorazzjoni taghha ghan-nuqqas ta' responsabbilita' li wrew iz-zewg partijiet fil-konfronti tal-minuri; jigi rilevat li l-Qorti thossha perswaza li l-attrici wzat lit-tifla biex tkun tista' twegga' lil zewgha l-konvenut; jigi wkoll rilevat li l-attrici ressqet lil din il-povra tifla biex taghti x-xhieda taghha quddiem l-Assistenza Gudizzjarja; fiha hija ghamlet akkuza ta' certa gravita' fil-konfront ta' missierha illi certament ghad jista' jkollha riperkussjonijiet certament mhux f'din il-kawza imma fil-hajja futura ta' l-istess minuri; il-piz ta' min hu responsabbli sejjer ikompli jintrefa' ghal snin twal; veru li l-attrici nefqet mijiet ta' liri biex qabbdet privat investigators halli jsegwu lil zewgha imma ma messhiex utilizzat ukoll lill-istess minuri u r-rakkonti li allegatament hija kienet taghmel, biex dawn jghinuha halli tasal ghall-prova taghha dwar ir-relazzjoni illecita li zewgha kellu jew seta' ghandu ma' Martha Caine.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-mod ta' access li t-tifla ghandu jkollha ma' missierha u anqas ghandha tbiddel l-istat attwali li bih l-attrici ghandha l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri.

Illi l-Qorti tosserva li t-tifla ghandha eta' bizzejjed u l-problemi li kkrejawlha l-genituri taghha certament ikunu mmaturawha izjed milli normalment messha mmaturat ghall-eta' li ghandha, u tifhem li dawn l-arrangamenti ghall-access huma biss temporanji u jinbidlu minn zmien ghal zmien u jekk il-konvenut jew l-attrici jhobbu tassew lil binthom ghandhom jiddesistu milli b'ebda mod jirreferu ghall-parti l-ohra u ghan-nuqqasijiet li jista' jkollha. Ic-cirkostanzi u l-imgieba li hi tara minghajr il-kummenti ta' hadd ghad iwassluha biex taghzel hi min kien verament il-htija tal-problemi kollha li gew kagunati lilha; din il-vittma, ittiehdet sahansitra ghand tobba u psikjatri; Il-Qorti tapprezza illi m'ghandhiex il-kapacita' professjonali li tghaddi gudizzji fuq punti simili, imma ma tibzax tesprimi l-fehma illi mic-cirkostanzi li rrizultawlha, it-tifla ma kellha bzonn l-ebda tobba u ebda psikjatra, kull ma kellha bzonn kien ftit tal-kalma li l-genituri taghha ma hallewhiex tgawdi, minhabba l-piki esagerati u morbuzi taghhom.

Illi bhal ma gara fil-punti kollha in kontestazzjoni, il-kontendenti ma qablux dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti u jrid jigi osservat li ghaddew bosta snin minn mindu beda t-tilwim serju bejn il-kontendenti u ghalhekk iz-zewg partijiet kellhom kull opportunita' illi jcaqilqu u jonfqu dak li riedu minghajr ma jkun jista' jigi kkontrollat.

Illi l-Qorti tifhem li l-attrici kellha ammont sostanzjali meta hija dahlet ghaz-zwieg u dan l-ammont jinsab fil-pussess taghha u l-Qorti tifhem li dan l-ammont ghandu jkun taghha liberament, waqt li z-zewg partijiet ghandhom izommu dak kollu li jinsab fil-pussess taghhom inkluzi flus, vetturi u anki oggetti prezzjuzi hlief ghal kull depozitu bankarju jew taht forma ohra, li ghandu jigi zbankat bl-interessi b'kollox u diviz ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

Illi l-Qorti ma emmnitx il-verzjoni u c-cirkostanzi li spjega l-konvenut u l-familja tieghu relattivi ghad-dar konjugali u, minghajr ma toqghod tidhol fuq l-ezami tal-volonta' ta' l-attrici jekk id-dar li qeghda fiha toghgobhiex jew le, tifhem li l-attrici ghandu jkollha d-dritt ghall-uzu esklussiv tad-dar matrimonjali ghaliha u ghal bintha biss, waqt li l-konvenut ghandu jkun responsabbli ghal kull kumpens li jista' jkun dovut lil xi terza persuna rigwardanti l-istess dar.

N.B. Il-verzjonijiet li taw il-kontendenti dwar il-preparazzjoni taghhom biex ikollhom l-ulied kienet bhal hafna punti ohra f'din il-kawza konfliggenti ghall-ahhar. L-attrici xehdet illi l-konvenut ma kienx irid tfal ghaliex dawn kienu ta' ostakolu ghalih, waqt li l-konvenut jghid li t-tifla twieldet fuq insistenza tieghu u jghid ukoll li meta kien ikollhom xi jghidu kienet tghidlu illi t-tifla kienet taghtielu b'rigal u tishet is-siegha u l-mument li kellha din it-tarbija; b'danakollu l-Qorti tifhem li z-zewg genituri jhobbu hafna lil binthom ghalkemm il-piki ta' bejniethom ghamewhom ghall-interess veru ta' l-istess binthom u, sahansitra skond ic-certifikat ta' tabib psikjatra, din it-tifla titlob lil Alla biex jehodha flimkien ma' ommha halli ma tkun qatt mifruda minnha; it-trawma li l-genituri qed igieghlu ll binthom tghaddi minnha certament m'hijiex haga illi ser tigi superata facilment u konsegwenzi koroh jekk mhux addirittura tragici ser tkompli ggorrhom maghha sakemm tmut.

Illi l-glied bejn il-kontendenti kien ilu sejjer, u anki dwar ic-cavetta tad-dar mhux biss meta l-attrici kienet l-isptar hemm verzjonijiet konfliggenti b'mod illi certament parti minnhom qeghda tigdeb b'mod sfaccat ghaliex waqt li l-konvenut u niesu jghidu illi dawn dahlu biss f'okkazzjoni jew tnejn u propju meta kien hemm in-neccessita' minnhom spjegata, l-attrici tipprova taghti stampa illi dawn kienu speci dehlin u hergin u jdejjquha ghaliex kellhom ic-cavetta ta' darha.

Illi dan il-gideb kompla anki fir-rakkonti dwar l-episodji ta' vjolenza; waqt li parti tghid illi kien gej min-naha tal-konvenut direttament, huwa jipprova jispjega illi dan kien biss rejazzjoni ghall-vjolenza kontinwa u ghall-persekuzzjoni mill-familjari taghha; ma naqsux ghadd ta' rapporti tal-pulizija. L-istess jinghad dwar il-mankanza ta' relazzjonijiet sesswali bejniethom u anki hawn ippruvaw iddahhlu fin-nofs il-fatt illi tarbija ta' ftit xhur baqghet toqghod fil-kamra tas-sodda taghhom. L-attrici xehdet li "dak li jirrigwarda s-sess ghal dawn l-ahhar snin ir-ragel tista' tghid li dejjem kien jiskartani u dejjem kien isib skuza biex ma jkollux x'jaqsam mieghi". Waqt li min-naha l-ohra l-konvenut xehed bil-gurament "wara t-twelid tat-tifla s-sess lanqas biss riedet tisma' bih ahseb u ara tfittixni ghalih".

Ghalkemm jidher li l-inkwiet sploda f'Dicembru, ta' l-1991 pero', meta l-attrici giet mistoqsija dwar ir-relazzjonijiet ta' bejniethom precedentement, hija wiegbet "normali ma konniex. Ma konniex bhal koppja sewwa". Dwar dan il-Qorti thoss li ghandha tosserva wkoll li l-familjari taz-zewg partijiet bil-kunfidenzi u bir-relazzjoni li kellhom ma' uliedhom, ma ghenuhom xejn biex jippruvaw isolvu l-problemi ta' bejniethom anzi sahhewlhom il-volonta' taghhom b'mod li l-glied ta' bejniethom kompla jikber sakemm fl-ahhar ikkankra.

Il-kontendenti qatt ma kienu wahedhom u meta siefru oht l-attrici siefret maghhom.

Mir-rizultanzi processwali huwa pero' ovvju li f'dan ir-rigward in-nuqqas principali huwa tal-familja ta' l-attrici; min-naha taghha l-attrici kienet tinterpreta l-interess (anke jekk zejjed), li l-familjari ta' zewgha kienu juru, bhala indhil; b'dana kollu ma kienetx tghid hekk lilhom, u ghalhekk huma kienu jkomplu bl-agir taghhom li ma kienx joghgobha.

Illi z-zewg kontendenti ma jidhirx li kellhom zmien bizzejjed wahedhom biex ikunu jistghu jiffurmaw relazzjoni soda u matura; il-konvenut kien iserrah rasu fuq missieru biex jaghmillu x-xogholijiet u jbajjadlu xi kamra li jkun hemm bzonn, waqt li l-attrici kienet tqatta' sieghat shah ghand ommha u titkellem aktar ma' ohtha milli ma zewgha, u dawn l-atteggjamenti komplew iggravaw il-problemi ta' bejn il-konjugi.

Illi dwar l-ammont ta' manteniment, il-Qorti tifhem li l-konvenut ghandu jibqa' jhallas lill-attrici s-somma ta' sittin lira (Lm60) ghan-necessitajiet kollha li jista' jkollha l-istess minuri waqt illi mir-rizultanzi processwali jidher li l-attrici qeghda f'posizzjoni li

tmur tahdem u tmantni lilha nfisha u anki tikkontribwixxi s-sehem taghha ghall-istess minuri.

Il-Qorti tifhem pero' li sakemm l-attrici ma ssibx impjieg il-konvenut ghandu jghaddilha manteniment ta' ghoxrin lira (LM20) fix-xahar.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Vella u dan minhabba tortijiet principalment attribwibbli lill-konvenut izda illi kien hemm ukoll kontribuzzjoni ta' l-istess attrici minhabba nuqqasijiet taghha. Tilqa' t-tieni domanda fis-sens illi tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Diane f'idejn l-attrici b'dan li l-konvenut ikollu access ghall-minuri kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn is-1.00 ta' wara nofs inhar u l-5.00 ta' fil-ghaxija b'dan illi fix-xhur tas-sajf minflok fil-5.00 jirritorna t-tifla fis-6.00 ta' fil-ghaxija u wkoll darba ohra fil-gimgha, s-Sibt jew il-Hadd alternattivament mill-10.00 ta' fil-ghodu sas-6.00 ta' fil-ghaxija; kif gia degretat fil-mori tal-kawza l-konvenut m'ghandux jiehu lill-minuri fil-prezenza ta' Martha Caine fil-hinijiet meta hija tkun fdata f'idejh. Tilqa' t-tielet domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala sehemu mill-manteniment ta' binthom minuri Diane is-somma ta' sittin lira (Lm60) fix-xahar u jhallasha wkoll bhala manteniment ghaliha personalment is-somma ta' ghoxrin liri (Lm20) fix-xahar sakemm hija tibqa' minghajr impjieg u dan l-ammont ma jibqax izjed dovut meta l-attrici terga' tibda tahdem bi qliegh. Tilqa' r-raba u l-hames domanda billi tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividiha billi tassenja lil kull parti dak kollu li prezentement jinsab fil-pussess taghhom inkluzi flus, oggetti prezzjuzi u vetturi waqt li kull kont bankarju jew ma' xi istituzzjoni finanzjarja ohra li prezentement jinsabu hekk depozitati f'isem xi wahda mill-partijiet jew f'isimhom it-tnejn ghandhom jigu zbankati, u flimkien ma' l-interessi u divizi f'zewg porzjonijiet ugwali u assenjati lill-kontendenti; l-attrici ghandha zzomm l-ammont parafernali li hija kienet gabet maghha meta zzewget u li ghadhom fil-pussess taghha. Tilqa' s-sitt domanda u wara li tiddikjara li z-zewg partijiet tilfu d-drittijiet successorji reciproci taghhom, tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut".

## II. L-appell

2. Minn din is-sentenza appellat biss l-attrici proprio et nomine. Ezattament hija appellat mill-istess decizjoni in kwantu din tirreferi ghall-ewwel, ghat-tielet u l-hames domanda, filwaqt li akkwiexxiet ghad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fuq il-kapi l-ohra, inkluz il-kap ta' l-ispejjez.

3. L-appellanti, spejgat dettaljatament l-aggravji taghha u qeghdha titlob li din il-Qorti:-

> "Joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Lulju, 1996, fil-kawza fl-ismijiet fuq indikati, billi tikkonfermaha in kwantu laqghet it-tieni, ir-raba' u s-sitt talbiet kontenuti fic-citazzjoni u fejn akkollat l-ispejjez kollha tal-prim'istanza lill-konvenut, u tirrevokaha in kwantu laqghet l-ewwel talba minhabba tortijiet principalment tal-konvenut izda illi kien hemm ukoll kontribuzzjoni ta' l-istess attrici minhabba nuqqasijiet taghha, u minflok tilqa' din l-ewwel talba ghar-ragunijiet attribwibbli unikament lill-konvenut u senjatament adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti ta' l-istess konvenut fil-konfront ta' martu l-attrici appellanti; 2. Tirrevokaha in kwantu akkordat biss lill-attrici meta laqghet it-tielet talba, alimenti ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) u dana sakemm ma tkunx qed tahdem u in kwantu akkordatilha biss hlas ta' sittin lira (Lm60) fix-xahar ghall-manteniment tal-minuri Diane Vella, billi minflok tilqa' l-istess talba b'ammonti ferm akbar kemm ghal dak li rrigwarda il-kontribuzzjoni tal-konvenut appellat ghall-manteniment ta' bintu minuri Diane Vella; u tirriformaha in kwantu laqghet il-hames talba, billi oltre dak hemm deciz, ikunu precizati is-sustanzi li jridu jinzammu mill-kontendenti in forza tas-sentenza appellata u s-sustanzi li ghad iridu jigu divizi bejniethom kif ordnat fis-sentenza appellata; u dana kollu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat".

4. Fir-risposta ta' l-appell tieghu, il-konvenut appellat wiegeb ghall-argumenti li l-appellanti ressqet in sostenn ta' l-aggravji taghha u talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

## <u>III. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

5. Meta l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba attrici u b'hekk ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-konjugi Vella, hija kienet waslet ghall-konkluzzjoni li l-firda giet principalment minhabba tort tal-konvenut, izda li l-attrici stess kienet ukoll ikkontribwit ghall-firda minhabba n-nuqqasijiet taghha. L-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti, a bazi tal-provi kollha prodotti, kien imissha sabet lill-konvenut <u>unikament</u> responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg. L-appellanti tenfasizza li kienet ressqet provi bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li l-konvenut mhux biss kellu relazzjoni illecita' ma' mara ohra (fatt stabbilit mill-ewwel Qorti u li gie definit bhala li jikkontribwixxi ingurja gravi fil-konfront ta' l-attrici) izda wkoll li din ir-relazzjoni illecita kienet wahda manifestament adultera. L-appellanti, inoltre, issostni li l-imperfezzjonijiet li seta' kellha fil-karattru taghha zgur li ma setghu qatt jirrenduha responsabbli tat-tifrik taz-zwieg. Dan sehh biss ghax zewgha ghazel li jmur ma' mara ohra. L-appellanti ghalhekk issostni f'dana l-ewwel aggravju taghha, li s-separazzjoni ghandha tigi pronunzjata <u>biss</u> ghal ragunijiet attribwibbli lill-konvenut u

senjatament adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi fil-konfront ta' l-attrici appellanti.

6. B'dana l-aggravju l-appellanti qeghdha tikkontesta l-apprezzament fondamentali li l-ewwel Qorti ghamlet tal-provi li l-partijiet kontendenti ipproducew quddiemha dwar punt krucjali, cioe' dak li jikkoncerna l-allokazzjoni tar-responsabilita' ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. F'dan ir-rigward, din il-Qorti hija gwidata bil-principju, ormai ben assodat, li, bhala Qorti ta' revizjoni, hija bhala regola, ma ghandhiex leggerment tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess. Din il-Qorti infatti, normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk din il-Qorti ta' revizjoni tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod biss li tkun tista' tikkorregi ingustizzja manifesta.

7. Issa, fil-kaz odjern, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-inkartament voluminuz li jikkostitwixxi dan il-process u sabet li hija sostanzjalment tikkondividi l-konkluzzjonijiet fattwali li waslet ghalihom l-ewwel Qorti dwar dana l-aspett tar-responsabilita' ghat-tifrik taz-zwieg. Allura mhux il-kaz li toqghod telenka n-nuqqasijiet reciproci tal-partijiet, ghaliex bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti hija konvinta li t-tnejn li huma ikkontribwew biex iz-zwieg taghhom tfarrak irreparabilment. Certament pero' ir-relazzjoni

llecita li l-appellat kellu ma' mara ohra ipprecipitat l-firda u ghamlitha inevitabbli li ssir. Ghalhekk huwa gust li l-istess appellat ikun akkampat bir-responsabilita' principali ghat-tifrik taz-zwieg.

8. L-appellanti tilmenta dwar il-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti in konnessjoni mat-tielet talba, cioe' fejn l-ewwel Qorti stabbiliet il-manteniment ghaliha u ghal bintha. L-appellanti sostniet li l-istat fiziku ta' sahhitha kien jimpediha li tahdem. Hija pproduciet certifikat mediku u sostniet li la tista' terfa' oggetti tqal u lanqas tista' toqghod bil-wieqfa jew bil-qeghda ghal perjodu twal, kif jirrikjedi x–xoghol li kellha qabel ta' tajpista. Ghalhekk hija argumentat li l-ewwel Qorti ma kienetx gusta maghha, meta nehhitilha l-alimenti provvizorji ta' Lm70 fix-xahar, li snin qabel kienet iddekretat, u meta kkonkludiet li hija kellha tmur tahdem. Ingusta wkoll kienet il-konkluzzjoni li hija kienet intitolata biss ghas-somma ta' Lm20 fix-xahar sakemm tibqa' bla impjieg u li dan l-ammont ma jibqax aktar dovut meta hija terga' tibda tahdem bi qliegh.

9. L-appellat ikkontesta dina l-kritika ta' l-appellanti:

> "L-attrici tallega li ma tistax tohrog tahdem. Fil-fatt dan mhux minnu u l-attrici tista' tohrog tahdem; infatti hija tghaddi granet twal u interminabbli ghand ommha u hbiebha, tista' ssuq karozza, allegatament ta' huha, tista' tghix hajja normali – pero' tallega li ma tistax tohrog tahdem. Fil-fatt jirrizulta, mill-atti tal-kawza, li hija waqfet tahdem hekk kif bdiet il-kawza. Beda jugaghha daharha, kif tallega hi, hekk kif inbdew il-proceduri legali kontra zewgha. Huwa ovvju ghalhekk li l-attrici ghandha a self-inflicted mental incapacity biex ma tohrogx tahdem u allura wahhlet f'daharha biex issib skuza tajjeb. Jekk ma tahdimx, minn ghaliha, tkun tista' tibqa' taghsar lil zewgha – l-Ewwel Onorabbli Qorti irnexxielha

> tara l-intenzjoni (hazina) taghha u ma ippermettitilhiex li tkanta vittorja. Ta' min wiehed hawn jinnota illi l-attrici qabdet u irrizenjat mix-xoghol meta kellha kull opportunita', kieku huwa vera li ma tistax tahdem, illi tigi boarded out, kif jaghmlu dawk kollha illi jkunu verament ma jifilhux u b'hekk ma jitilfux dak li huma intitolati ghalih. L-attici, qabel ma rrizenjat mix-xoghol kienet tahdem bhala assistant officer u kellha paga tajba. Ghala qabdet u irrizenjat, jekk mhux biex tipprova ittaqqal inutilment u merament il-pika ma' zewgha, il-piz tal-konvenut?".

10. Illi dawn iz-zewg verzjonijiet kienu t-tnejn quddiem l-ewwel Qorti u din ghazlet wahda minnhom, dik cioe' li ghaliha kienet tidher l-aktar verosimili fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

11. Anke f'dan ir-rigward din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-punt jekk l-istat ta' sahha ta' l-appellanti kienx jippermettielha li hija tmur tahdem. Dana anke ghaliex, jekk verament l-appellanti kienet temmen f'dak li kienet qeghdha tallega, kien imissha hadet il-passi necessarji biex taghmel prova sodisfacenti, bil-mezzi kollha li taghtiha l-ligi ta' l-allegazjzoni taghha. L-appellanti kienet konsapevoli li l-konvenut kien qieghed jikkontesta assidwament din l-allegazjoni taghha. Allura kien mistenni li hija ma tikkuntentax ruhha bis-semplici esebizzjoni ta' certifikat mediku. Dan, ghalkemm importanti bhala bidu ta' prova, "ex parte" <u>fic-cirkostanzi kollha tal-kaz</u> ma kienx jidher sufficjenti biex inissel f'mohh min hu mghobbi bir-responsabilita' tad-decizjoni, il-konvinciment li t-terminazzjoni ta' l-impieg da parti ta' l-appellanti kien verament motivat minn debilitazzjoni ta' sahha fizika.

12. Illi ghalhekk a bazi tal-provi akkwiziti ghall-process din il-Qorti ma tistax, b'gustizzja, tiddisturba jew tbiddel id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li l-attrici kienet f'posizzjoni li tmur tahdem biex tghin ruhha u tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' bintha. Il-ligi timponi fuq il-mizzewgin drittijiet u responsabilitjiet indaqs u t-tnejn li huma, hu mistenni minnhom li, skond il-mezzi u l-hila rispettivi taghhom, jahdmu u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.

13. L-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti nehhiet l-alimenti ta' Lm70 fix-xahar dovuti ghaliha proprio mill-konvenut, li kien ikkundannat li jhallasha fil-mori tal-kawza. Minflok, akkordatilha s-somma irrizorja ta' Lm20 fix-xahar sakemm hija ma ssibx impieg. Din il-Qorti jidhrilha li dana l-aggravju huwa in parti fondat. Dana minhabba l-principju li l-manteniment ghandu jinghata wkoll skond il-mezzi ta' min ghandu jaghtih. Infatti jidher car li l-potenzjal ta' qliegh tal-konvenut mill-ezercizzju tal-professjoni tieghu huwa ferm akbar mill-potenzjal ta' l-appellanti. Ghalhekk la darba gie deciz li l-konvenut kkontribwixxa principalment ghat-tifrik taz-zwieg, u la darba il-qliegh jew il-potenzjal tal-qliegh tal-konvenut jissupera sewwa l-potenzjal tal-qliegh li l-appellanti qatt tista' tippercepixxi, allura huwa gust li l-konvenut jikkontribwixxi wkoll ghall-manteniment ta' l-appellanti proprio. Il-Qorti jidhrilha li ghandha tistabilixxi dan il-manteniment fis-somma ta' Lm50 fix-xahar, liema manteniment ikun dovut indipendentement mill-fatt jekk

hija taghzilx li tahdem jew le. Fi kliem iehor, anke jekk l-appellanti tibda' tahdem, kif jidher li tista' taghmel, dan l-ammont xorta wahda jibqa' dovut lilha mill-konvenut. Il-Qorti qieset ukoll ic-cirkostanza mportanti li l-appellanti ghadha tgawdi l-uzu tad-dar konjugali flimkien ma' bintha.

14. L-appellanti tikkritika wkoll id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li biha hija irriduciet l-ammont ta' manteniment provizorju ghall-minuri Diane minn Lm90 fix-xahar ghas-somma ta' Lm60 fix-xahar.

15. L-appellat donnu li ma tantx ikkontesta din il-kritika. Infatti jghid hekk fir-risposta ta' l-appell tieghu:

> "In kwantu jirrigwarda t-tifla, l-esponenti lest li jibqa' ihallas dak li hallas dejjem – pero' jinghad ukoll illi l-esponenti ma ghandux ghalfejn ikun kkundannat ihallas ebda manteniment ghal bintu ghax huwa lest li jmantniha b'kull ma jkollha bzonn u lest li jhallas ghal dak li ghandha bzonn".

16. Din il-Qorti jidhrilha li dana l-aggravju huwa ben fondat. Infatti d-digriet li bih il-konvenut gie kkundannat li jhallas lill-attrici nomine bhala manteniment ghall-minuri Diane is-somma ta' Lm90 fix-xahar inghata ezattament fit-12 ta' Awissu, 1993, meta t-tifla kien ghad kellha seba' snin. Illum din it-tifla ghandha hmistax-il sena. Apparti l-inflazzjoni li inevitabilment naqqset il-valur tal-flus, il-bzonnijiet ta' din il-minuri bilfors li kibru mhux naqsu. L-appellat ghandu id-dover li jiehu hsieb imantni u

jzomm lil din bintu skond il-mezzi tieghu u skond il-bzonnijiet ta' l-istess minuri, inkluzi dawk ta' l-ikel, ta' l-ilbies, u tas-sahha. F'dan ir-rigward, tenut kont tac-cirkostanzi kollha rilevanti, huwa gust li l-konvenut appellat ikun ordnat li jhallas lill-appellanti nomine is-somma ta' Lm100 fix-xahar. Inoltre, huwa ghandu jhallas ukoll l-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni ta' bintu (uniformi, kotba, stationery, trasport, misati ta' skola u privatijiet, donazzjonijet etc.) sa massimu ta' Lm300 fis-sena, kontra ricevuti suppliti lilu mill-appellanti.

17. L-ahhar aggravju ta' l-appellanti huwa formulat hekk:

> "Illi dwar <u>il-hames talba</u>, ghalkemm in linea generali, l-esponenti taqbel mal-mod kif bih trid tigi diviza il-komunjoni ta' l-akkwisti, forsi kien ikun ahjar kieku fis-sentenza appellata, gew precizati l-assi li jridu jinzammu mill-kontendenti u dawk li ghad iridu jinqasmu, u dana biex ma jkunx hemm ekwivoci meta tigi biex tigi esegwita is-sentenza appellata. Ghalhekk hu l-kaz li din l-Onorabbli Qorti tghaddi biex issemmi fid-dettall dawk is-sustanzi tal-komunjoni li skond l-ewwel sentenza ghandhom jinzammu mill-kontendenti ghax diga' jinsabu f'idejhom u dawk is-sustanzi, partikolarment kontijiet bankarji, separati jew "joint account" li jridu jigu maqsuma. Dan jimmilita favur aktar precizjoni u esegwibilita' ta' l-ewwel sentenza. Il-partijiet jistghu jaghmlu nota konguntiva dwar dan biex jiffacilitaw ix-xoghol ta' din l-Onorabbli Qorti".

18. L-appellat irrisponda hekk:

> "Illi in kwantu ghall-aggravju dwar il-hames talba l-esponenti ma ssibx oggezzjoni li jsir qbil dwar il-konsistenza tal-patrimonju formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti".

19. Il-Qorti tinnota li l-partijiet naqsu li jipprezentaw in-nota konguntiva suggerita mill-appellanti fl-aggravju in kwistjoni. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghaliex din in-nota ma saritx u jidher li dana l-aspett tal-kawza gie traskurat kwazi ghal kollox, anke fit-trattzzjoni orali li saret mid-difensuri. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li m'huwiex suggerit li jsiru l-precizazzjonijiet mitluba mill-appellanti.

20. Il-Qorti tinnota li ma sar ebda appell minn hadd dwar dak li ddecidiet l-ewwel Qorti in konnessjoni mat-tieni talba attrici. L-ewwel Qorti kienet ikkonfermat li l-kura u l-kustodja tal-minuri kellha tkun affidata lill-attrici; waqt li l-konvenut kellu jkollu l-istess access kif kellu sa minn meta nghata d-digriet ta' l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju, 1992. Nonostante li l-kontendenti akwiexxew ruhhom ghal din id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti, huwa verament skoncernanti kif il-genituri tal-minuri hallew lil din il-minuri tkun, naqra naqra avvelenata mill-animozita' lampanti li uzaw kontra xulxin. Ir-rizultat kien li din il-minuri spiccat prattikament tirrifjuta li tmur ghall-access ordnat favur missierha. M'hemmx dubju li, kif sewwa irrimarkat l-ewwel Qorti:

"L-attrici wzat lit-tifla biex tkun tista' twegga' lil zewgha konvenut". Saret hafna hsara lil din il-minuri. Is-social worker Joseph Calleja nominat mill-Qorti odjerna, irrelata li kien jidher car "li din it-tifla kienet

qeghda timmanipula lil ommha u lil missierha billi tghawweg il-verita' kif trid u kif joghgobha". Forsi m'hijiex koincidenza li l-"gideb sfaccat" riskontrat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, gie wkoll rifless f'mohh din il-minuri, bi hsara enormi ghaliha kif seta' jikkonstata l-imsemmi Social Worker. Huwa evidenti li din it-tifla kienet qeghda tigi involuta fil-glied u fl-attrit assidwu bejn il-genituri taghha u spiccat hadet il-parti ta' ommha u spiccat ma tridx taf b'missierha. Naturalment, din il-minuri hallset prezz qares hafna billi l-izvilupp psikologiku taghha aktarx li gie negattivament affettwat kif anke juru c-certifikati medici prodotti mill-attrici stess.

21. F'dawn ic-cirkostanzi, specjalment il-fattur ta' l-eta' tal-minuri li llum qeghdha tavvicina li ssir maggorenni, u fid-dawl tar-relazzjoni u xhieda ta' l-imsemmi Social Worker, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tikkonstata li illum l-access dekretat mill-ewwel Onorabbli Qorti m'ghadux iktar possibbli. Minflok, biex forsi tinstab xi triq ta' rikonciljazzjoni bejn il-bint u l-missier jidher suggerit li l-access ghandu jkun ridott ghal saghtejn fil-gimgha u cioe' kull nhar ta' Sibt bejn l-10.00 p.m. u nofsinhar. Nonostante li ma kienx hemm appell fuq dana l-kap, din il-Qorti dejjem tista' tvajra tali access u dana qeghdha taghmlu kwazi unikament ghal gid tal-minuri stess. Din it-tfajla ghandha tifhem li hija ma tahtix ghas-sitwazzjoni deplorevoli ezistenti bejn il-genituri taghha. Ghandha tappezza li l-genituri taghha, nonostante l-izbalji li indubjament

ghamlu, it-tnejn ihobbuha u li l-virtujiet tal-mahfra u tal-moghdrija li jistghu iwasslu ghar-rikonciljazzjoni imsemmija huma ta' min jikkoltivahom biex forsi hija ssib il-kalma u s-serenita' li tant huma mehtiega biex tghix hajja normali.

22. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tiriforma s-sentenza appellata b'dan il-mod:

1. Tikkonfermaha fejn laqghet l-ewwel talba u b'hekk ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Vella u dan minhabba tortijiet principalment attribwibbli lill-konvenut izda illi kien hemm ukoll kontribuzzjoni ta' l-istess attrici minhabba nuqqasijiet taghha.

2. Tikkonfermaha fejn laqghet it-tieni domanda fis-sens illi afdat il-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Diane f'idejn l-attrici u tirrevokaha fejn ordnat li l-konvenut ikollu access ghall-minuri kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn is-1.00 ta' wara nofsinhar u l-5.00 ta' fil-ghaxija b'dan illi fix-xhur tas-sajf minflok fil-5.00 jirritorna t-tifla fis-6.00 ta' fil-ghaxija u wkoll darba ohra fil-gimgha, is-Sibt jew il-Hadd alternattivment mill-11.00 ta' fil-ghodu sas-6.00 ta' fil-ghaxija, u minflok, tordna li l-konvenut appellat ikollu access ghall-minuri bintu kull nhar ta' Sibt bejn l-10.00 a.m. u nofsinhar; b'dana pero' li huwa m'ghandux jiehu l-minuri fil-prezenza ta' Martha Caine.

3. Tikkonfermaha fejn laqghet it-tielet domanda izda tirrevokaha fejn ikkundannat ihallas lill-attrici bhala sehemu mill-manteniment ta' binthom minuri Diane s-somma ta' sittin lira (LM60) fix-xahar u jhallasha wkoll bhala manteniment ghaliha personalment is-somma ta' ghoxrin liri (LM20) fix-xahar sakemm hija tibqa' minghajr impjieg u dan l-ammont ma jibqax izjed dovut meta l-attrici terga' tibda tahdem bi qliegh. Minflok, tikkundanna lill-konvenut biex, kif fuq inghad, ihallas lill-attrici proprio manteniment ta' Lm50 (hamsin lira) fix-xahar; kif ukoll manteniment ghal Diane fis-somma ta' Lm100 (mitt lira) fix-xahar – dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza.

L-imsemmija alimenti li ghandhom jigu awmentati awtomatikament kull sentejn, skond ir-rata ta' inflazzjoni, ghandhom jithallsu lill-appellanti mis-salarju ta' l-appellat direttament mill-*employer* ta' l-istess appellat li llum hija s-socjeta' Melita Insurance Agency Limited. Inoltre, biex ikunu koperti l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri, l-appellat huwa ordnat li jhallas lill-appellanti nomine sa massimu ta' Lm300 (tlett mitt lira) fis-sena kif fuq inghad – kontra d-debiti ricevuti li jigu prezentati lilu mill-appellanti ghall-hlas.

4. Tikkonfermaha fejn laqghet ir-raba u l-hames domanda billi ddikjarat xolta l-komunjoni ta' l-akkisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u billi iddividietha fis-sens li assenjat lil kull parti dak kollu li

prezentement jinsab fil-pussess ta' l-istess parti, inkluzi flus, oggetti prezzjuzi u vetturi, u fejn ordnat li kull kont bankarju jew ma' xi istituzzjoni finanzjarja ohra li prezentement jinsabu hekk depozitati kemm f'isem xi wahda mill-partijiet jew f'isimhom it-tnejn ghandhom jigu zbankati, u flimkien ma' l-interessi u divizi f'zewg proporzjonijiet ugwali u assenjati lill-kontendenti; u fejn ordnat li l-attrici ghandha zzomm l-ammont parafernali li hija kienet gabet maghha meta zzewget u li ghadhom fil-pussess taghha.

5. <u>Tikkonfermaha</u> fejn laqghet is-sitt domanda u fejn wara li ddikjarat li z-zewg partijiet tilfu d-drittijiet successorji reciproci taghhom applikat kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati.

6. Fl-ahharnett tordna li l-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, cioe' jibqghu a kariku tal-konvenut appellat, filwaqt li l-ispejjez ta' l-istanza odjerna ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mm